



## Adattament għat-Tibdil fil-Klima, inkluża t- Trasformazzjoni Soċjetali

# AĊĊELLARAZZJONI TAT-TRANŻIZZJONI LEJN EWROPA MĦEJJJA U REŻILJENTI FIR- RIGWARD TAL-KLIMA

## X'inhuma l-Missjonijiet tal-UE?

Parzjalment ispirati mill-Proġett Apollo biex twassal bniedem fuq il-qamar, il-missjonijiet tal-UE huma impenn biex jissolvew sfidi kbar tas-soċjetà bħalma huma:

- L-adattament għat-tibdil fil-klima
- Il-ġlieda kontra l-kanċer;
- Il-ħajja fi bliet aktar ekoloġiċi
- L-iżgurar tas-saħħa tal-ħamrija u l-ikel
- Il-ħarsien tal-oċeani tagħna

Kull missjoni tal-UE se jkollha skeda ta' żmien u baġit speċifiċi skont id-diffikultà tal-isfida tagħha Dawn se jmorru lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni, u se jqanqlu l-innovazzjoni bejn is-setturi biex jipprovdu soluzzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, il-missjonijiet se jkollhom rwol kruċjali fil-kisba ta' prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew

## Il-parteċipazzjoni tiegħek tgħodd

Il-pandemija COVID-19 qed tagħtina tagħlima prezzjuża dwar l-importanza li nkunu mħejjija u li naġixxu skont l-evidenza xjentifika, imma jeġtieg ukoll li nagħtu widen liċ-ċittadini. Għandna bżonn l-għajnuna tiegħek ħalli l-missjoni dwar l-addattament għall-klima ssejtni. Iddiru niġguraw li l-missjoni li ngħażlu tkun rilevanti għas-soċjetà, u tagħmel differenza ta' veru f'ħajjet in-nies.

S'issa, il-Bord tal-missjoni - taħlita estensiva ta' esperti mill-oqsma tal-innovazzjoni, ir-riċerka, it-tfassil tal-politika, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet prattikanti - ħadem fuq il-proponiment ta' missjoni li taddatta għall-bidla fil-klima, inkluż l-iffissar tal-miri għall-bidliet soċjetali li din se tkun teħtieġ.

## Il-Missjoni: L-Aċċellarazzjoni tat-Tranżizzjoni lejn Ewropa Mħejjija u Reżiljenti fir-Rigward tal-Klima

Il-bidla fil-klima hija waħda mill-aktar theddidiet li qed tiffaċċja l-umanità, b'impatti li jistgħu jkunu devastanti fuq in-nies, l-ambjent u l-ekonomija. It-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tagħna hija għalhekk

kruċjali. Minkejja kull sforz siewi min-naħa tagħna, ċertu livell ta' tiżhin globali se jseħħ, u diġà qed iseħħ. L-effetti koroh tiegħu diġà qed jinħassu.

Il-Bord jipproponi li l-ħtieġa urġenti li nitħejjew għat-tfixkil minħabba l-klima tissawwar f'opportunità li ngħixu aħjar, b'mod aktar ekwitabbli, u aktar b'saħħitna.

Il-missjoni li ngħaġġu l-pass it-tnejjiet biex l-Ewropa nagħmluha kapaċi tħabbat wiċċha ma' dinja isħan u aktar imprevedibbli. Ewropa li tkun aktar reżiljenti għall-klima: flessibbli, kapaċi tirkupra u timxi 'l hinn mill-isfidi relatati mal-klima.

### **Kif se nilħqu għanijietna?**

**Billi nħejju, infasslu u nuru.**

- 1) **Inħejju:** Sal-2030, l-Ewropej kollha jrid ikollhom aċċess għal informazzjoni ċara dwar ir-riksji preżenti u futuri tal-klima fir-reġjun tagħhom. Nappoġġaw ukoll lill-awtoritajiet lokali biex isawru pjanijiet li jimmaniġġjaw u jħejju biex nindirizza it-tali riskji.

Irridu niżguraw li l-Ewropej kollha jkunu informati dwar ir-riskji klimatiċi ("Il-post fejn ngħix huwa f'periklu li jitle' l-livell tal-baħar, jegħreq jew isofri minn avvenimenti estremi oħrajn?") u jkunu jafu x'għodod u soluzzjonijiet huma disponibbli biex jitnaqqsu r-riskji għalihom, għal darhom u l-komunità tagħhom. Il-missjoni se tappoġġa diversi tipi ta' azzjonijiet fil-livelli individwali, komunitarji u reġjonali, se taħdem mal-awtoritajiet biex ittejjeb is-sistemi ta' twissija bikrija fil-każ ta' avvenimenti estremi, u tiżviluppa jew taġġorna pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju tal-klima.

- 2) **Infasslu:** Sal-2030, 200 komunità u reġjun iridu jkun fasslu pjanijiet mhux biss kif se jnaqqsu r-riskji klimatiċi, imma li jiżguraw trasformazzjoni lejn ħajja f'saħħitha u prospera.

Il-missjoni se tgħin lill-komunitajiet u r-reġjuni jiżviluppaw viżjoni li tiffoka kemm fuq il-protezzjoni mir-riskji klimatiċi, kif ukoll fuq it-tranżizzjoni lejn il-komunitajiet li n-nies jixtiequ jgħixu fihom - pereżempju komunità aktar ekoloġika, aktar ġusta u aktar prospera u ekwitabbli. Il-vjaġġ lejn din il-viżjoni se jlaqqa' l-għarfien u s-soluzzjonijiet minn dixxiplini xjentifiċi differenti, kif ukoll l-għarfien u l-aspirazzjonijiet tan-nies li jgħixu fil-komunitajiet fi trasformazzjoni. Din il-mogħdija teħtieġ ukoll taġġir, finanzjament, u l-inklużjoni tal-komunità kollha kemm hi: Is-soċjetà ċivili, l-intraprendituri, l-awtoritajiet lokali, ir-riċerkaturi, l-organizzazzjonijiet komunitarji, il-bankek u oħrajn.

- 3) **Nuru:** Sal-2030, se jkun hemm fis-seħħ 100 proġett pilota għal soluzzjonijiet innovattivi, biex b'hekk tiżdied ir-reżiljenza għall-klima tar-reġjuni u l-komunitajiet.

Hemm diġà bosta azzjonijiet, soluzzjonijiet u għodod lokali li jistgħu jgħinuna nnaqqsu r-riskji klimatiċi, imma ħafna minnhom huma implimentati b'modi spontanji u ma ġewx ittestjati f'kundizzjonijiet veri. Għaldaqstant, il-missjoni tagħna se tkun li ngħaqdu dawn is-soluzzjonijiet innovattivi bejn post u ieħor u nipprovdur oppportunitajiet li ntellgħuhom fuq skala oġġla. Eżempji jinkludu żieda fil-kapaċità tax-xmajjar u l-artijiet mistgħadra tagħna li jipproteġuna mill-għarar; bini aktar robust, għelejjel aktar reżiljenti u irrigazzjoni aktar intelliġenti; Ir-restawr ta' foresti reżiljenti għan-nirien, sistemi tal-enerġija lokali, jew

sistemi ta' twissija bikrija biex nissalvagwardjaw saħħitna u l-benessri tagħna. It-tagħlimiet mill-kriżijiet ta' dan l-aħħar qed jagħtu spinta lill-innovaturi biex jiżviluppaw aktar miżuri ta' dan it-tip u joħolqu approċċi li huma msawra flimkien ma' nies bħalek, u l-missjoni se tlaqqagħhom flimkien ħalli jsegwu tir komuni.

Se jitwaqqfu siti tal-wiri f'għadd ta' lokalitajiet, li se jirriflettu d-diversità klimatika u l-approċċi li jiindirizzaw ir-riskju klimatiku fl-Ewropa. Il-missjoni tfittex li jkun hemm skambju attiv tal-aqwa Prattiki bejn ir-reġjuni u l-komunitajiet, ħalli tiżgura li dawk l-aktar esposti u vulnerabbli jkunu wkoll preparati u protetti sew.

### **Interessat/a?**

Segwi u pparteċipa fil-konverżazzjoni fuq Twitter : #MissionClimate #EUmissions #HorizonEU on social media.

**Agħti titwila wkoll lil dan l-ispazju għal aktar tagħrif fuq avvenimenti fir-reġjun tiegħek:**  
<http://ec.europa.eu/mission-climate>